**21 ta' Novembru, 1985**

**Imħallef:-**

**L-Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur John Mifsud)

*versus*

Nicholas Ellul

## Simulazzjoni ta' Reat - Denunzja - Artikolu 109 (2) tal-Kodiċi Kriminali

*Meta r-reat ikun wieħed formali, informazzjoni mogħtija bil-fomm lill-pulizija hija biżżejjed sabiex titqies denunzja.*

*Ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa ikkunsidrat bħala reat instantanju.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat talli (1) fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Novembru, 1984 u l-1 ta' Diċembru, 1984 fil-Marsa, ddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu inbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur ta' l-artikolu 109 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 12; u talli (2) huwa reċidiv billi kien instab ħati ta' reat mill-Qorti tal-Maġistrati ta' l-14 ta' Ġunju, 1983;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika eżebit bħala Dolument X a fol. 20 tal-proċess li biha skond l-artikolu 382 (4) tal-Kodiċi Kriminali ġie mogħti il-kunsens sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija tal-11 ta' Lulju, 1985, li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u dana filwaqt li iddikjarat lill-istess imputat bħala reċidiv *stante* li huwa kien instab ħati ta' reat minn din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza ta' l-14 ta' Ġunju, 1983 u wara li rat l-artikoli 109 (2) u 50 tal-Kodiċi Kriminali u wara li ikkonsidrat dwar il-piena illi minn banda waħda l-kommissjoni ta' tali reati tfixkel l-

amministrazzjoni tal-ġustizzja, mill-banda l-oħra l-effetti tad-denunzja ma kinux relattivament kbar u li kien hemm ċerti ċirkostanzi partikolari, ikkundannat *lill*-imputat *għall-piena ta'* priġunerija għall-żmien (30) tletin jum u dan wara li ikkunsidrat, "Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Novembru, 1984 u l-1 ta' Diċembru, 1984, uffiċċjali u membri tal-Korp tal-Pulizija marru fil-fond 'St. Rita House', Racecourse Street, Marsa, sabiex jinvestigaw rapporti li fl-istess fond kien qed isir logħob ta' l-ażżard. Mal-wasla tal-Pulizija fl-imsemmi fond, diversi nies li kienu fih telgħu jiġru fuq il-bejt u staħbew f'kamra fuq l-istess bejt. Peress illi dawn il-persuni irrifjutaw li joħorġu, *nonostante* li kienu qed jiġu mwissija mill-Pulizija, ġie sparat tir b'arma da parti ta' l-istess Pulizija u dana bħala avviż u fl-arja;

Wara dan it-tir xi ħadd mill-okkupanti ta' l-istess kamra beda jgħid li wieħed minnhom intlaqat bl-istess tir u talab li tinġieb ambulanza. Xi ħadd ieħor ħareġ idu mimlija demm mit-tieqa u beda jgħajjat "ara x'għamiltuli". Fix-xhieda tiegħu l-Ispettur John Mifsud qal li huwa għaraf lil dawn iż-żewġ persuni mill-vuċi tagħhom u qal li l-ewwel wieħed li tkellem kien l-imputat;

*Inoltre* jirriżulta illi b'xi mod jew ieħor l-okkupant tal-kamra mexxilhom jaħarbu minnha, u meta daħlu il-Pulizija fiha ma sabu lil ħadd, iżda kien hemm traċċi ta' demm fl-istess kamra kif ukoll fuq il-bjut. Sussegwentement instabu wkoll traċċi ta' demm fuq ħajt ta' stalla li tinsab fil-viċinanzi tal-fond fuq indikat f'Racecourse Street. Kif ukoll sussegwentement u fl-istess viċinanzi instab moħbi l-imputat, li dak il-ħin insista ma' l-uffiċċjali tal-Pulizija, l-Ispetturi John Mifsud u Joseph M.

Azzopardi, li xi ħadd minn dawk li kienu moħbija fil-kamra fuq il-bejt kien intlaqat u li kien id-dmir tal-pulizija li issib tali persuna. Effettivament, irriżulta li ħadd, tul dan l-inċident, ma weġġgħa b'tir ta' arma tan-nar;

Illi l-imputat irid jirrispondi għal reat li huwa b'mod ġeneriku indikat bħala dak ta' "ħolqien ta' reat" kif kontemplat fl-artikolu 109 (2) ta' l-Kodiċi Kriminali. Minn eżami ta' l-istess artikolu jirriżulta li r-reat jissusisti f'żewġ eventwalitajiet u ċjoè (a) meta issir denunzja lill-pulizija eżekuttiva ta' reat li ma sarx jew (b) meta jinħolqu traċċi ta' reat li jinduċu għal bidu ta' proċeduri kriminali. Mill-provi prodotti ma jistgħax jingħad li ġie ppruvat li l-imputat ħoloq traċċi ta' reat u għalhekk jidher li l-imputazzjonijiet huma bbażati fuq l-ewwel eventwalità;

Il-każ in eżami għalhekk għandu jiġi eżaminat għar-rigward ta' l-elementi bażiċi rikjesti għall-fini ta' l-imputazzjonijiet, f'żewġ aspetti. L-ewwel jekk l-imputat għamilx denunzja lill-pulizija eżekuttiva u t-tieni jekk din id-denunzja kinitx tirrigwarda denunzja ta' reat li l-imputat kien jaf li ma sarx;

L-abbli difensur ta' l-imputat fit-trattazzjoni orali tiegħu issottometta illi sabiex jiġi stabbilit kif għandha issir id-denunzja għal fini ta' l-artikolu in kwistjoni, għandha issir referenza għal dak li jintqal fl-artikolu 529 *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali, b'mod partikolari fl-artikolu 531 li jistipula il-formalitajiet għar-rigward tad-denunzja;

Dan l-artikolu għid "id-denunzja tista' issir bil-fomm jew

bil-miktub, iżda meta id-denunzja issir bil-fomm, hija għandha ħlief il-każijiet li ma jkunux iridu dewmien, titniżżel bil-miktub minnufih u għandha tiġi iffirmata mid-denunzjant jew jekk dan ma jkunx jaf jikteb mill-uffiċjal tal-pulizija li jkunu hekk niżżilha bil-miktub'';

Konsegwentement, l-abbli difensur ta' l-imputat issottometta illi *stante* li ma ġiex ippruvat li ġew segwiti dawn il-formalitajiet wieħed mill-element bażiċi ta' dan ir-reat huwa nieqes;

Fl-opinjoni tal-Qorti, *stante* li r-reat in eżami huwa wieħed formali u huwa komplet malli tingħata informazzjoni lill-pulizija eżekuttiva, tali informazzjoni mogħtija bil-fomm lill-ispettur tal-pulizija hija biżżejjed sabiex titqies "denunzja" għall-fini ta' l-artikolu in kwistjoni. Bħal fil-każ tar-reat tal-kalunja, ma hemmx bżonn illi jiġu sodisfatti ir-rekwiżiti u l-formalitajiet kollha preskritti fil-liġi għal fini tad-denunzja sakemm jiġi ppruvat li l-istess denunzja kienet intiża sabiex ikun hemm investigazzjonijiet ulterjuri għall-fini li jiġi aċċertat li kien hemm ir-reat denunzjat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-imputat għamel tali denunzja u dan speċifikatament fl-okkażżjoni wara li instab. Il-fatti li effettivament kien hemm persuna li weġġgħet f'dan l-inċident (però minħabba ħġieġa miksura) u illi kien hemm f'diversi bnadi traċċi ta' demm, setgħu ikkontribwew sabiex jissekondaw il-fatti denunzjati mill-imputat;

Effettivament kienet tali denunzja infondata ta' l-imputat li prinċipalment induċiet lill-uffiċċjali tal-pulizija li jinvestigaw

ulterjorment sabiex jiġi stabbilit jekk fil-fatt it-tir ġiex sparat skond l-ordnijiet mogħtija u jekk kienx hemm xi ħadd li intlaqat bl-istess tir. Saru wkoll verifiki fl-Isptar San Luqa jekk iddaħħalx xi ħadd b'feriti ta' armi tan-nar;

In vista ta' dan kollu għalhekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati, inkluż li jirriżulta li l-imputat huwa reċidiv għal fini u effetti kollha tal-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu kif ġej: "Il-Qorti tat interpretazzjoni żbaljata kemm tal-liġi u kemm tal-fatti. Bdiet biex qalet li dan hu reat formali hu biżżejjed li wieħed jgħid kelma lill-pulizija bħal fir-reat tal-kalunja (art. 99 Kodiċi Kriminali). Bir-rispett kollu dan hu żbaljat għaliex filwaqt li fl-ewwel hemm 'kull min **jakkuża**' (*accuse* fit-test ingliż) fir-reat taħt l-artikolu in kwistjoni hemm '**jiddenunzja**' u fit-test ingliż '*lay an information*'. Il-kelma 'denunzja' ġġib magħha l-aspett proċedurali, li mhux bejn wieħed u ieħor u fl-arja, imma kif tgħid il-liġi, fl-artikolu 529, u ta' wara";

Ma dan l-aggravju din il-Qorti ma taqbilx anzi

tikkondividi pjenament dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti. Infatti fid-dottrina ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat hu konsidrat bħala reat instantaneju. Ara per eżempju fir-rigward is-sentenza tal-Kassazzjoni Taljana Seż. VI tad-9 ta' Ottubru, 1972 (numru 1118) *in re Zoppis e altro* fejn ġie ripetut illi, "*La simulazione di reato è reato istantaneo, che si perfeziona con la semplice denuncia idonea a provocare anche soltanto investigazioni e accertamenti della polizia giudiziarie.*" *Oltre* dan avolja fil-kodiċi penali taljan hemm riferenza għall-artikoli tal-Kodiċi ta' proċedura penali għar-rigward ta' "denunċia", *querela richieste o istanza* dejjem ġie ritenut illi mhux meħtieġa dik il-formalità tad-denunzja kif qed jippretendi l-appellant. Infatti, per eżempju tal-Kassazzjoni Taljana Seż. II fit-12 ta' April, 1975 *in re Tambaro* (numru 4130) iddikjarat illi "*per la integrazione della fatti specie di simulazione di reato a mezzo denuncia non è necessario che questa rivesta tutti i requisiti formali previsti dalla legge, avendo ad essa il legislatore fatto riferimento per indicare qualunque informazione concernante fatti delittuosi, diretta all'autorità giudiziaria od altra autorità che a quella abbia obbligo di riferire.*" Sentenza oħra ta' l-istess Kassazzjoni Taljana tgħid ukoll illi "*ai fini del delitto di similuzione di reato non e rilevante che non sia stato redatto processo verbale della falsa denuncia, giacchè viene in considerazione qualsiasi informattiva del reato simulato (scritta od orale) all' autorità suscettiva di determinare l'inizio di un procedimento penale.*" *(Cass. Sez. II, 4 dic. 1972 (numru 1735) Pagnotta ed altro);*

L-appellant ġab ukoll ħafna argumenti oħra in sostenn ta' dan l-aggravju. Per eżempju issottometta li d-denunzja ma tistax tkun anonima. Effettivament f'dal-każ ma kenitx għax jirriżulta li meta l-imputat instab moħbi ddenunzja l-feriment. Ġie sottomess ukoll illi l-kwerela jew denunzja trid tkun rivolta

lejn il-Pulizija Esekuttiva u li f'dal-każ kien hemm biss talba għall-ambulanza. Dil-Qorti però tħossha arċikonvinta li mhux ta talba għall-ambulanza biss kien hemm iżda denunzja falza lill-pulizija esekuttiva u kważi rimproveru li kienu qed jonqsu mid-dover tagħhom. Fl-aħħarnett ġie sottomess ukoll li jekk jonqos il-miktub, denunzja ma hemmx. Anki dan però mhux korrett għaliex mill-artikoli 529 u 531 tal-Kapitolu 12 jista' jkun hemm każi anki jekk rari fejn d-denunzja qatt ma tiġi magħmula bil-miktub;

Ikkunsidrat:

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-akkuża ta' ħolqien ta' traċċi ta' reat. F'dan ir-rigward però anki jekk id-*decide* tas-sentenza appellata kif inhi redatta tista' tħalli xi dubju f'parti oħra tas-sentenza, l-Ewwel Qorti qalet illi "mill-provi prodotti ma jistgħax jingħad li ġie ppruvat li l-imputat ħoloq traċċi ta' reat u għalhekk jidher li l-imputazzjonijiet huma bbażati fuq l-ewwel eventwalità." Din il-Qorti hi konvinta li l-Ewwel Qorti ma riditx issib lill-imputat ħati li ħoloq traċċi ta' reat però s-sentenza kif "*worded*" hi dubjuża għax intużaw il-kliem "issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu" u dan ma jeskludiex ir-reat tal-ħolqien, ta' traċċi ta' reat. Għal kull bwon fini, però, billi din il-Qorti tħoss li din l-akkuża ma tirriżultax sejra tipproċedi fuq hekk fid-*decide* ta' din is-sentenza u tnaqqas parti mill-piena biex tagħmel tajjeb għal possibilità li seta' ma kienx kif qed taħseb din il-Qorti;

L-appellant bħala l-aħħar aggravju issottometta li d-denunzja ma kenitx ta' reat. Il-fatti però juru xort'oħra u

tippreferi din il-Qorti ma tgħid xejn aktar fuq hekk għax il-fatti jitkellmu waħedhom;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell kif ġej u ċjoè billi in kwantu s-sentenza appellata sabitu ħati talli bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jimbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, tirrevokaha f'dik il-parti iżda tikkonfermaha in kwantu sabet lill-imputati ħatjin skond il-kumplament ta' l-akkuża u tissostitwixxi għal piena ta' l-Ewwel Qorti, il-piena tal-priġunerija għal żmien ħmistax il-ġuranta.